# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 27 ta' Novembru 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**Kevin Turner**

**Kumpilazzjoni Nru: 376/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Kevin Turner detentur tal-Karta ta' l-Identita' Maltija numru 352574(M).

Akkuzat talli nhar id-19 ta' April, 2015 ghall-habta tas-1:30hrs ta' filghodu, gewwa l-fond Aria, Triq Hal-Gharghur, Birkirkara.

1. Volontarjament hebb ghal Dennis Cuschieri mill-Gzira, u ikkagunalu offiza ta' natura gravi skond kif iccertifikat minn Dr. S. Kumar bin-numru ta' registrazzjoni medika 3406 tal-Isptar Mater Dei.
2. U aktar talli taht l-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' u bil-ponta, minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija.

3. U aktar talli taht l-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser l-ordni u l-paci pubblika b'ghajjat, storbju jew glied.

4. U aktar talli taht l-istess data, lok, hin u cirkostanzi, f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, instab fis-sakra b'mod li ma setghax jiehu hsieb tieghu nnifsu.

5. U aktar talli sar recediv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, Qorti ta' Malta, fejn tali sentenza giet definittiva u li ma tistax tinbidel.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi Kevin Turner f'kaz ta' sejbin ta' htija, minbarra l-piena applikabbli, tapplika l-artikolu 383 u/jew 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

a) 214, 215, 218(1)(b)(2), 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) 6, 51(7), 55 u 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) 338(dd), 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
f) 17, 23, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh nhar id-19 ta' April 2015 ghall-habta tas-1.30am f'l-istabbiliment Aria f' Triq Hal-Gharghur Birkirkara, f'liema incident wegga certu Dennis Cuschieri.

Illi l-imsemmi Dennis Cuschieri jirrakkonta fid-depozizzjoni tieghu[1] li fil-lejl in ezami kien qieghed xoghol f'l-Aria Club; xogholu kien mal-bieb jaghmel it-tags. Jghid li kienet serata kwieta. Meta spiccaw, kien qieghed hdejn il-bieb meta f'daqqa ra ice bucket gej ghalih u jolqtu f'wiccu, fuq ghajnejh, u beda hiereg hafna demm. Cuschieri jghid li hu sar jaf wara minghand in-nies minn tefa' l-ice bucket li laqtu. Bhala rizultat ta' din id-daqqa Cuschieri sofra lacerazzjoni li kienet tirrikjedi zewg punti[2].

Illi Kevin Chircop ukoll kien qieghed xoghol l-Aria dak in-nhar. Fid-depozizzjoni tieghu[3] jirrakkonta li hu ukoll kien xoghol mal-bieb, jaghmel it-tags. Meta spicca l-kuncert li kien hemm u kienu hergien in-nies hu u Cuschieri kienu qeghdin hdejn il-bieb. F'hin minnhom Chircop ra lill-imputat, li kien hiereg mill-club, u nduna li kien qed izomm ice bucket taht il-jersey li kien liebes. Chircop beda jinsisti li l-imputat jghidlu x'kien qed jahbi fil-waqt li l-imputat baqa' jghid li dak l-oggett kien tieghu. Baqghu sejrin hekk meta f'daqqa wahda l-imputat fetah iz-zip tal-jersey, u hareg l-ice bucket. Chircop ikompli jirrakkonta li l-imputat hareg l-ice bucket mill-jersey bil-mod, fil-waqt baqa jhares lejh (cioe l-imputat kien qed ihares lejn Chircop) meta f'daqqa dar, u faqa' l-ice bucket fuq ras Cuschieri. Meta ra hekk Chircop zamm lill-imputat u beda jitlob biex xi hadd icempel lill-pulizija li fil-fatt gew fi ftit hin.

Illi Dominic Micallef, sid il-club, xehed[4] u qal li hu kien gewwa fil-club meta sema' kommozzjoni barra, ghalhekk mar jara x'kien gara. Waqt li kien hiereg ra lil Cuschieri ma'l-art u xi barman qed jaghmlu s-silg ma' wiccu, fil-waqt li barra kien hemm xi hadd mill-istaff qed izomm lill-imputat. Hu ukoll ta ordni biex icemplu lill-pulizija u li jzommu lill-imputat sa kemm jigu l-pulizija. F'depozizzjoni sussegwenti[5] Micallef qal li l-filmat tac-CCTV ma kienx disponibbli ghax kien lahaqa gie overwritten.

Illi dak in-nhar inzerta kien prezenti fil-club l-Ispettur Elton Talian u l-Ispettur Sandro Camilleri; huma ma kienux hemm fuq xoghol imma kienu off duty. Iz-zewg ufficjali jispjegaw li meta kien kwazi spicca kollox u n-nies kienu hiergin (huma kienu ghadhom qeghdin gewwa), semghu kommozzjoni u ghalhekk marru biex jaraw x'kien qed jigri. Meta waslu

[1] A fol 47 et seq.
[2] Ref certifikati medici a fol 8 u a fol 55. Il-lacerazzjoni tidher ukoll fir-ritratti esebiti Dok DC1 a fol 53.
[3] A fol 56 u kontroezami a fol 174.
[4] Ref depozizzjoni a fol 60
[5] A fol 121.

hdejn il-bieb raw ragel ma'l-art li deher li kien imwegga ghax kellu demm u kien hekk xi bouncers ohra qed jippruvaw izommu lill-imputat. Intervjenew u irnexxielhom izommu lill-imputat sa kemm gew pulizija mill-ghassa ta' Birkirkara kif ukoll ta'l-RIU. Huma spjegaw x'kien gara lill-pulizija tad-distrett li mbaghad komplew b'l-investigazzjoni.[6]

Illi l-pulizija ta'l-RIU u tad-distrett li marru fuq il-post[7] kollha ikkonferma li meta waslu huma s-sitwazzjoni kienet taht kontroll fis-sens li l-imputat kien qieghed jigi mizmum fil-waqt li Cuschieri kien qieghed appartat b'xi kollegi tieghu jaghmlulu s-silg ma' rasu. Mill-pulizija li marru fuq il-post kien PS1220 Christopher Baldacchino li arresta u ghamel tfixxija fuq il-persuna ta'l-imputat. Fil-kors ta' din it-tfixxija sab sikkina li tinghalaq qisha credit card[8]. Jirizulta[9] li l-imputat ma kellux licenzja biex izomm u jgorr dik is-sikkina.

Illi l-imputat irrilaxxja stqarrija u anke ta d-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti. F'l-istqarrija[10] l-imputat ghazel li ma jwegiebx hafna mill-mistoqsijiet li sarulu ghalkemm qal li fil-lejl in ezami kien xorob xi zewg drinks zejda u jammetti li fuqu kellu dik s-sikkina. Fid-depozizzjoni tieghu[11] l-imputat jghid li hu kien qieghed fil-club ma xi hbieb u li kienu qed jixorbu vodka; il-flixkun tawulhom f'ice bucket. Meta kienu spicca kollox u kienu hiergin l-imputat ha l-ice bucket mieghu. Mar wiehed mis-securities fuqu b'certu aggressjoni biex jiehu l-ice bucket, inqalat kommozzjoni u l-ice bucket tar. L-imputat jispjega li l-kommozzjoni inqalet ghax s-security prova jiehu l-ice bucket bis-sahha. Jghid li s-seccurity prova jiehu l-ice bucket min idu u issiltu u waqt li kienu qed jissiltu l-ice bucket tar u laqghat lil Cuschieri. Malli gara hekk qabzu fuqu u zammewh sa kemm gew l-pulizija ta' l-RIU.

Ikkunsidrat

Illi peremzz ta'l-ewwel imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kkawza offiza ta' natura gravissima fuq il-persuna ta' Dennis Cuschieri.

---

[6] Ref depozizzjoni Spettur Elton Taliana a fol 133 u depozizzjoni Spettur Sandro Camilleri a fol 142.
[7] Dawn kienu PS1220 Christopher Baldacchino, PC777 Christopher Ebejer, PC 793 Alfred Camilleri, WPS 301 Lorna Vella, PC 173 Jonathan Agius, PC1189 Jurgen Falzon u PC918 Clayton Azzopardi.
[8] Din giet elevata u hija esebieta in atti bhala Dok EMC4 a fol 14.
[9] Mid-depozizzzjoni ta' PS1225 Mario Fenech a fol 95
[10] Dok EMC12 A FOL 90.
[11] A fol 182

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament, u del resto mhux kontestat, li meta l-imputat kien hiereg mill-istabbiliment Aria fil-lejl in ezami hareg mieghu ice bucket. Jirrizulta ukoll li kien dan l-ice buket li laqat lil Cuschieri, li bhala rizultat soffra lacerazzjoni fuq wiccu.

Illi Cuschieri nnifsu ma jafx x'gara biex dan l-icebucket tar ghal fuq wiccu ghaliex hu l-unika haga li ra kien l-ice bucket gej lejh. L-unici zewg persuni li setghu jitfaw dawl fuq dak li gara huma Kevin Chircop u l-imputat. Mir-riassunt tal-provi jidher car li hemm kunflitt fil-verzjoni mghotija minn dawn iz-zewg persuni. Fil-waqt li wiehed (Chircop) jghid li l-imputat qabad l-icebucket u faqghu fuq wicc Cuschieri, l-iehor (l-imputat) jghid li Chircop prova jiehu l-icebucket, issiltu ghalih u dan l-icebucket tar u laqat lil Cuschieri.

Illi l-principji regolaturi f'dawn ic-cirkostanzi huma ben stabbiliti fil-Ligi u fil-gurisprudenza taghna: mhux kull kunflitt ghandu necessarjament iwassal ghall-liberatorja ghaliex il-Qorti ghandha l-obbligu li tevalwa x-xhieda mghotija fid-dawl tal-provi kollha prodotti u tiddeciedi lil minn ghandha temmen u f'xiex. Fil-fatt skond l-artikolu 638 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ix-xhieda ta' xhud wiehed jekk emmnut hija bizzejjed u taghmel prova shiha u kompluta minghajr il-htiega ta' korroborazzjoni.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li bhala rizultat ta' l-impatt ta'l-ice bucket ma' wiccu Cuschieri soffra lacerazzjoni li tidher fir-ritratti esebieti; biex giet kawzata din il-lacerazzjoni l-impatt bil-fors kellu jkun wiehed ta' certu forza. Dan ifisser li aktar hija kredibbli l-verzjoni ta'  Chircop ghaliex kieku l-icebucket sempliciment tar l-impatt ma kienx ikun daqshekk qawwi li jikkawza lacerazzjoni. Konsegwentement il-Qorti hija konvinta li l-offiza sofferta minn Cuschieri giet kawzata minn azzjoni voluta da parti ta' l-imputat.

Illi kif diga ntqal bhala rizultat tad-daqqa li qala Cuschieri soffra lacerazzjoni fuq wiccu (fuq ghajnejh); din il-lacerazzjoni halliet marka permanenti tant li l-Qorti stess setghet taraha. Pero din il-lacerazzjoni fil-waqt li zgur taqa taht definizzjoni ta' offiza gravi fit-termini ta'l-artikolu 216(1)(b) tal-Kapitolu 9, ma jistax jinghad li taqa taht definizzjoni ta'l-artikolu 218(1)(b) ghalhekk l-imputat qed jinstab hati tta'l-ewwel imputazzjoni inkwantu tirreferi ghalll-artikolu 261 u mhux l-artikolu 218.

Illi bhala rizultat ta' dan l-incident qammet kommozzjoni, tant li anke minn gewwa l-istabbilliment instemghet. Konsegwentment it-tielet imputazzjoni cioe dik li tirreferi ghall-ksur tal-paci u buon ordni tirrizulta pruvata.

Illi permezz tar-raba imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kien f'lok pubbliku u ma setghax jiehu hsieb tieghu nnifsu minhabba sokor. F'l-istqarrija l-imputat, fil-waqt li jammetti li ha xi zewg drinks zejda, jichad li kien fis-sakra. PC777 Christopher Ebejer pero jghid li huwa seta' jxomm ir-riha ta' xorb fuq l-imputat u mill-mod kif kien qed jagixxi hu deherlu li kien fis-sakra. Tenut kont ta' dan fil-fehma tal-Qorti din ir-raba imputazzjoni giet sodisfacjentement pruvata.

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat prospettat f'l-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta; din l-imputazzjoni tirrizulta ampjament fis-sens li m'hemmx dubbju li l-imputat kien qed igorr sikkina (ossia arma bil-ponta) li ma kellux licenzja ghaliha.

Illi l-imputat qed jigi adebietat ukoll bir-recidiva. Mill-atti jirrizulta li permezz ta' sentenza mghotija fil-11 ta' Mejju 2006 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali giet konfermata sentenza permezz ta'liema l-imputat kien instab hati tar-reati hemm indikati u gie ikkundannat tlettin xahar priguneirja. Ghalhekk m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-imputat ghandu jitqies recidiv fit-termini ta'l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi pero la darba s-sentenza inghatat fil-11 ta' Mejju 2006 u l-piena kienet ta' anqas minn hames snin, u la darba l-incident mertu ta' dawn il-proceduri sehh fid-19 ta' April 2015, u ghalhekk aktar minn hames snin wara li l-kundanna imsemmija, l-imputat ma jistax jitqies recidiv ai fini ta'l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 49, 214, 215, 216(1)(b) u 338(dd)(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artiloku 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu [b'dan li b'referenza ghall-ewwel imputazzjoni l-imputat qed jinstab hati ta' offiza fit-termini ta'l-artikolu 216(1)(b) u mhux

l-artikolu 218(1)(b), u b'referenza ghall-hames imputazzjoni qed jigi kunsidrat recidiv ai fini ta'l-artikolu 49 u mhux ai fini ta'l-artikolu 50 ukoll] u tikkundannah erbgha xhur prigunerija u multa ta' mija u sittax Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tordna l-konfiska tal-mus esebiet u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 57 ta'l-istess Kapitolu 480 tiskwalifika lill-imputat minn kull licenzja taht l-imsemmi Kapitolu 480 ghal perjodu ta' hames snin.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**